MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2010

Numru. 203/2010

Il-Pulizija
(Sp Alexander Grech)
vs
Christopher Agius, iben Michael, imwieled Londra fl-14 ta' Lulju, 1991, Karta ta' l-Identita numru 20102(L)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fil-lejl ta' bejn il-25 u is-26 ta' Frar, 2010 minn ġo ħanut bl-isem 'Pure Accessories', li jinsab fi Triq Ħal-Tarxien, Paola kkometta serq ta' €250 fi flus kontanti u aċċessorji oħra li l-valur tagħhom jammonta għal madwar €30,000 għad-dannu ta' Godfrey George Agius minn Marsaxlokk, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-ħin;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ

ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' għamel ħsara fl-istess ħanut liema ħsara hi ta' aktar minn €116 għad-dannu ta' l-istess Godfrery George Agius.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Marzu, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kkontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f), 263, 267, 270, 278(1)(2)(3) u 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat għamel ammisjoni bikrija, l-eta' tiegħu, il-fatt li l-oġġetti ġew ritornati, il-fedina penali u li l-imputat għandu problemi komportamentali. Tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba' snin mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 28Ġ tal-Kodiċi Kriminali u tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Supervizjoni kontra l-imputat għal perjodu ta' erba' snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------